# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 6**

**Rikors numru 710/19/1 RGM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**v.**

**Alfred Anton Zarifa u Olena Viktorivna (magħrufa wkoll bħala Elena nee` Klymenko) miżżewġin Zarifa**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn digriet ta' caħda ta' talba tal-konvenut biex tissejjaħ fil-kawża terza persuna ċioe` MPM Capital Investments Limited.

Il-kawża hi dwar talba tal-bank attur biex il-konvenuti jħallsu lura self magħmul lilhom mill-bank. Bħala garanzija l-konvenuti kienu għamlu rahan mal-bank permezz ta’ numru ta’ investimenti li kellhom miżmuma u ġestiti minn MPM Capital Investments Limited.

Il-bank attur talab il-ħlas lura tas-self u l-konvenuti ddikjaraw li kienu qed jagħtu l-kunsens tagħhom għal-likwidazzjoni tal-investimenti mirhuna iżda miżmuma u ġestiti minn MPM Capital Investments Limited.

Jidher li l-bank ma għamilx dak mitlub mill-konvenuti u ħarrek lill-konvenuti għall-ħlas tas-self. Il-konvenuti fir-rikors tal-appell jallegaw li MPM Capital Investments Limited illikwidat l-investimenti bla kunsens tal-konvenuti u mingħajr ma għaddiet ir-rikavat lill-bank. Għalhekk intalab li tiddaħħal fil-kawża l-istess MPM Capital Investments Limited biex tirrispondi għall-għemil tagħha u n-nuqqas tal-adempiment tal-obbligu li assumiet mal-bank meta ġew mirhuna l-investimenti.

Din il-Qorti ma taqbilx illi hemm in-ness neċessarju bejn it-talba tal-bank fil-konfront tal-intimati appellanti u l-aġir ta’ MPM Capital Investments Limited biex tiddaħħal fil-kawża. Il-kawża hi għall-ħlas lura tas-self dovut mill-konvenuti. Għal dan il-ħlas jirrispondu l-konvenuti biss. Hu minnu li l-konvenuti ressqu garanzija f’forma ta’ rahan ta’ investimenti favur il-bank għall-ħlas lura tas-self u d-debitur jista’ jitlob il-bejgħ tal-oġġett mirhun

biex jitħallas id-dejn (Artikolu 1971 Kap. 16) pero` f'dan il-każ id-debitur *ex admissis* jammetti li l-garanzija ma għadhiex hemm. Għalhekk il-kreditur, li mhux qed jitqies responsabbli għal dan mid-debitur, għandu l-jedd ikompli jitlob il-ħlas lura tas-self mingħand id-debitur.

Il-kwistjoni jekk id-debitur għandu lanjanza dwar il-mod kif il-kumpanija ġestiet l-investimenti tal-konvenuti u għalfejn dawn ma għadhomx disponibbli għall-kreditur hi *res inter alios acta* għall-kreditur f'din il-kawża. Is-sejħa fil-kawża f'din iċ-ċirkostanza ma hi ser isservi għal ebda rimedju favur il-bank attur li għandu ftehim ta' self mal-konvenuti li jrid jitħallas lura mill-konvenuti.

Għalhekk l-appell qed jiġi miċħud bl-ispejjeż għall-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr